

IV

(Atti adottati qabel l-1 ta' Diċembru 2009, skont it-Trattat tal-KE, it-Trattat tal-UE u t-Trattat Euratom)

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-13 ta' Lulju 2009

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Interim li jistabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati Afrikani tal-Lvant u tan-Nofsinhar fuq naħa u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra

(2012/196/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 133 u 181 flimkien mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Fit-12 ta' Ġunju 2002 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tikkonkludi Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika mal-istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP).
- (2) In-negozjati ta' ftehim interim li jistabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (minn hawn 'il quddiem "FSE Interim") ġew konklużi fit-28 ta' Novembru 2007 mas-Seychelles, iż-Żambja u ż-Żimbabwe. Fl-4 ta' Diċembru 2007, il-FSE Interim ġie ffirmat bl-inizjali mill-Mawrizju u fil-11 ta' Diċembru 2007 mill-Komoros u l-Madagaskar.
- (3) L-Artikolu 62(4) tal-FSE Interim jipprevedi l-applikazzjoni provviżorja tiegħu sakemm dan jidħol fis-seħħ.
- (4) Il-FSE Interim għandu jiġi ffirmat fisem il-Komunità u applikat, fir-rigward tal-elementi li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Komunità, fuq bażi provviżorja soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim Interim li jistabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati Afrikani tal-Lvant u tan-Nofsinhar, fuq naħa waħda u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri

tagħha, fuq in-naħa l-oħra, huwa b'dan approvat fisem il-Komunità, soġġett għad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tikkonċerna l-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim ta' Sħubija Ekonomika.

It-test tal-FSE Interim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 64(3) tal-FSE Interim, id-delegazzjoni tal-Parti KE għall-Kumitat tal-FSE għandha tkun magħmula mill-membri tal-Kunsill u mir-rappreżentanti tal-Kummissjoni. Din għandha tiġi ppreseduta b'mod konġunt mill-Kummissjoni u mill-Presidenza tal-Kunsill.

2. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Komunità fi ħdan il-Kunsill tal-FSE għandha tkun determinata mill-Kunsill abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni skont id-dispożizzjonijiet korrispondenti tat-Trattat.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jinnomina l-persuna(i) mogħtija l-poter li tiffirma/jiffirmaw il-FSE Interim fisem il-Komunità Ewropea soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 4

Fir-rigward ta' elementi li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Komunità, il-FSE Interim għandu jkun applikat fuq bażi provviżorja kif previst fl-Artikolu 62(4) tiegħu, sakemm titlesta l-proċedura għall-konklużjoni tiegħu. Il-Kummissjoni għandha tippubblika avviż li jagħti informazzjoni dwar id-data ta' applikazzjoni provviżorja.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2009.

Għall-Kunsill

Il-President

E. ERLANDSSON